# focus...

# Soċjetà Filarmonika L-Unjoni

Is-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni qiegħda din is-sena tiċċelebra l-125 anniversarju mit-twaqqif tagħha fl-1880. Dan qed isir billi ġie mfassal proramm ta' attivitajiet fil-ġimgħa ta' qabel il-festa tal-patrun tagħna Sant' Andrija. Il-ħsieb kien li dawn il-festi jkunu kumplimentari ma' dawk ta' Sant' Andrija u b'hekk tkompli tissebbaħ il-festa b'qima lejn il-patrun tagħna.

Is-Soċjetà tagħna dejjem ippruvat tkun il-promotur ta' attivitajiet u inizjattivi li jkattru l-kultura u l-għaqda ġewwa Ħal Luqa. Għalhekk meta ġiet imwaqqfa kienet ġiet msejħa L-Unione. Is-soċjetà tagħna dejjem baqgħet minn ta' quddiem fl-inizjattivi li ħadet u dan il-ħsieb inżamm fuq quddiem nett meta ġew imfassal l-festi tal-125 Sena mit-twaqqif tagħha. Ridna kemm jista jkun ninvolvu firxa kbira tal-poplu Ħalluqi. Dan għamilnieh għaliex nħossu li ċ-ċelebrazzjonijiet ta' okkażjoni hekk speċjali għas-soċjetà tagħna hi festa wkoll għal Ħal Luqa kollha u għandna nkunu lkoll kburin li fir-raħal tagħna għandna żewġ baned li waħda minnhom qiegħda tiċċelebra l-125 anniversarju mit-twaqqif tagħha proprju din is-sena 2005. Dan hu stat ta' fatt li ma jistax jiġi mħassar. Mir-riċerka ta' l-istorja li saret matul iż-żminijiet ma jidhirx li xi ħadd qajjem l-oġġezzjonijiet tiegħu meta s-soċjetà tagħna ċċelebrat il-ħamsin anniversarju jew il-ħamsa u sebgħin sena ta' l-eżistenza tagħha jew tal-mitt sena mit-twaqqif tagħha.

Waħda mill-inizjattivi sabiex ikun iċċelebrat dan l-anniversarju huwa t-tnedija tal-ktieb bl-isem "Ħal Luqa u l-Banda tagħha l-Unjoni" miktub mill-kittieb Francis Galea. Dan ser jagħti perspettiva ferm interessanti ta' Ħal Luqa matul iż-żmienijiet u tal-ħidma u l-involviment kontinwu tas-soċjetà tagħna fil-festa u fir-raħal tagħna. Kien ilu jinħass il-bżonn ta' ktieb ta' din ix-xorta u s-soċjetà tħoss li pubblikazzjoni bħal din għandha tkun ferm apprezzata mill-Ħalluqin kollha.

Il-ħidma kontinwa tas-soċjetà dejjem ġiet apprezzata u l-kumitat iħoss li din se tibqa tiġi rispettata u apprezzata mill-Ħalluqin ta' rieda tajba. Dan hu rifless mill-parteċipazzjoni ferm numeruża ta' nies li jattendu u jappoġġjaw l-attivitajiet li b'ħafna sagrifiċċju torganizza s-Soċjetà. Storikament hu fatt li ma jistax jitħassar li matul iż-żmienijiet, is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni dejjem gawdiet l-appoġġ tal-maġġoranza tal-Ħalluqin u anke bħala banda kienet kunsidrata bħala dik ewlenija u bl-akbar numru ta' bandisti. Hekk ukoll illum is-Soċjetà tagħna għada kunsidrata bħala waħda mill-ewlenin f'pajj-iżna. Dan hu frott tal-ħidma ta' ħafna u ħafna nies li matul dawn il-125 sena ħadmu u għamlu sagrifiċċji kbar sabiex jaraw din is-Soċjetà u l-banda tagħha jkomplu jżommu quddiemhom l-għan ewlieni li għaliha twaqqfet: dik li



Vincenzo Camilleri - fundatur tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni fl-1880

tkun unjoni mal-poplu ta' Ħal Luqa taħt il-ħarsien ta' Sant' Andrija.

Il-ħsieb ta' dawn il-festi li bihom qed niċċelebraw il-125 sena mit-twaqqif tagħna hu li s-Soċjetà tagħna hi ta' kull min għandu mħabba vera lejn il-patrun tagħna Sant' Andrija u wkoll għandu għal qalbu lil Ħal Luqa u t-tkattir tal-kultura u t-tagħlim mużikali lill-uliedna. Il-kumitat iħoss li hi l-azzjoni konkreta li tħalli l-frott u l-ġid lir-raħal u l-festa tagħna u mhux il-kliem fieragħ jew it-tislim fix-xejn sempliċiment għall-għajn in-nies. Aħna nemmnu li jekk hija xi ħala għall-ġid ta' uliedna jew ta' Ħal Luqa għandna nkunu kapaċi b'mod serju u oġġettiv ngħidu dak li jidhrilna li huwa ġust u tajjeb.

Il-festa tal-patrun tagħna Sant' Andrija tibqa dejjem il-qofol ta' l-attivitajiet tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni. Dan għaliex aħna flimkien mal-poplu Ħalluqi għandna ferm għal qalbna lil dan il-qaddis li dejjem wera kemm kien persuna umli meta kien ma' Sidna Ġesù. Aħna lkoll għandna nħarsu lejh u nippruvaw nimitaw l-umiltà tiegħu għaliex li tkun umli m'hix djufija iżda hi virtù. J'Alla lkoll kemm aħna nkunu kapaċi nuru ftit aktar umiltà bħal missierna Sant' Andrija. Dan nistagħu nagħmluh billi nipparteċipaw kemm fil-festi esterni b'mod serju u dixxiplinat iżda importanti wkoll li nieħdu sehem f'dawk interni fil-knisja. Nħossu li għandna nwarrbu l-arroganza u s-supervja ġejja minn fejn ġejja għaliex din ħsara tagħmel minflok ġid u ma hija tajba għal ħadd.

Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni tixtieq tirringrazzja lil dawk kollha li ħadmu u għenu b'kull mod possibbli sabiex ikollna festi kif jixirqu lill-patrun tagħna u dawk lis-Soċjetà se tagħmel din is-sena. Hu impenn ferm kbir mifrux matul dawn l-aħħar snin u ċerti li kull min għandu verament għall-qalbu dawn il-festi se japprezza x-xogħol kollu li sar u jifraħ flimkien magħna. Aħna ċerti li bl-għajnuna u l-ħarsien ta' Sant' Andrija se jerġa jkollna festi li lkoll flimkien inkunu kburin bihom. Festi li rridu u għandhom jiġu ċċelebrati b'imħabba lejn il-patrun tagħna Sant' Andrija u lejn is-Soċjetà tagħna mingħajr kliem fieragħ, tgħajjir jew insulti, iżda b'mod serju u dixxiplinat kif jixraq.

Matul il-ġimgħatejn festi li se norganizzaw is-Soċjetà se żżanżan armar ġdid f'Misraħ Sant' Andrija, dekorazzjoni tas-Sala prinċipali u Arkivju Mużikali ġdid regalat lis-Soċjetà għal din l-okkażjoni kif ukoll programm tan-nar speċjali kif jixraq għal din l-okkażjoni. Barra dan se jsir kunċert mill-banda taħt it-tmexxija tal-Profs Mro. Charles Zammit kif ukoll il-marċi tradizzjonali u brijjużi li s-Soċjetà L-Unjoni hi magħrufa għalihom.

Grazzi speċjali jmur lill-membri tas-Soċejtà: kumitat, bandisti, sezzjonijiet ta' l-armar, taż-żgħażagħ, tan-nisa u tan-nar li lkoll ħadmu bis-sħiħ biex din is-sena tkun waħda speċjali u memorabbli fl-istorja ta' 125 sena tas-soċjetà. Grazzi wkoll lill-poplu ta' Ħal Luqa ta' l-għajnuna u s-sehem tiegħu fl-attivitajiet li torganizza s-Soċjetà. Nawguraw lil kulħadd il-Festa t-Tajba.